30 ta' Ottubru, 1950.

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Saverina Vella** *versus* **Joseph Vella Bonnici**

## Alimenti — Aħwa.

***F'materja ta' talba għall-alimenti li ssir bejn l-aħwa għandu jittieħed in konsiderazzjoni mhux biss l-istat ekonomiku ta' dak li jitlob l-alimenti lil ħutu, imma anki l-potenzjalità tiegħu għax-xogħol, li fih innifsu huwa kapital.***

***Għaldaqstant, min jista' bix-xogħol tiegħu jipprokura l-għajxien tiegħu ma għandux dritt ifittex lil ħutu għall-alimenti.***

Il-Qorti —*Rat iċ-ċitazzjoni numru 137 ta' l-1950 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attriċi talbet li, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, peress illi b'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Jannar 1942, fil-kawża fl-istess ismijiet, il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attriċi, oħtu, ir-retta alimentarja ta' xelin kuljum; peress illi, stante t-tibdil taċ-ċirkustanzi, kompriżi l-għoli tal-ħajja u l-potenzjalità tal-konvenut, l-istess rata ta' manteniment għandha tiżdied; talbet illi jiġi dikjarat illi r-rata ta' l-alimenti fl-ammont ta' xelin kuljum, li huwa ġie kundannat iħallas lill-attriċi b'deċiżjoni mogħtija mill-istess Qorti fl-10 ta' Jannar 1942, fil-kawża fl-istess ismijiet ta' hawn fuq, għandha tiżdied b'dik is-somma ġjornaljera li l-Qorti jidhrilha xieraq, wara li jkunu ġew eżaminati ċ-ċirkustanzi u l-fatti kollha rilevanti; u konsegwentement l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi, oħtu, a titolu ta' alimenti, l-imsemmi awment aktar il-fuq mitlub, oltre r-rata oriġinali iffissata bl-imsemmija deċiżjoni ta' dik il-Qorti mogħtija fl-10 ta' Jannar 1942 fil-kawża fl-ismijiet "Saverina Vella vs. Joseph Vella Bonnici"; liema pagament għandu jsir fil-ġurnata, ħin u lok, u b'dawk il-modalitajiet kollha li jirriżultaw opportuni lil dina l-Qorti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-24 ta' Ġunju 1950, fejn dik il-Qorti ddeċediet billi ddikjarat li r-rata ta' l-alimenti fl-ammont ta' 7s. fil-ġimgħa, jew 1s. kuljum, li l-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attriċi bis-sentenza fuq imsemmija,

għandu jiżdied bl-ammont ta' xelin kuljum iehor, u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi, oħtu, b'ti tolu ta' alimenti, l-imsemmi ammont ta' 1s. kuljum, oltre r rata ta' 1s. kuljum gà ffissata bis-sentenza fuq imsemmija...... wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi jirriżulta li b'sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Janna 1942, fil-kawża fl-istess ismijiet ta' din tal-lum, il-konvenut ġi kundannat iħallas lill-attriċi, oħtu, il-pensjoni alimentarja ta 7s. fil-gimgħa; u dan għar-raġunijiet imsemmijin hemmhekk Bil-kawża preżenti l-attriċi qiegħda titlob awment ta' dik il pensjoni, fuq il-pretensjoni li ċ-ċirkustanzi finanzjarji minn dal in-nhar tas-sentenza fuq imsemmija tbiddlu għall-agħar għar rigward tagħha u għall-aħjar għar-rigward tal-konvenut. Għal hekk il-meritu ta' dina l-kawża għandu jiġi ċirkoskritt fuq dan il-punt biss, u ma jistax jestendi ruħu għad-diversi u moltepliċi kwistjonijiet li ġew imqajmin fid-dibattitu, sew għaliex il biċċa l-kbira minnhom gà ġew riżoluti fis-sentenza fuq imsemmija, u sew għaliex l-oħrajn ma għandhomx x'jaqsmu mal-meritu ta' dina l-kawża. Il-punt huwa għalhekk wieħed biss f'kawża bejn l-aħwa għall-alimenti dawn jingħataw, kif ġew mogħtija fis-sentenza fuq ċitata, in proporzjon u b'konsiderazzjoni tal-bżonn ta' min jitlobhom u tal-mezzi ta' min ikun lilu mitluba. Irid jiġi konsegwentement eżaminat jekk mis-sentenza fuq imsemmija 'l-hawn il-bżonn ta' l-attriċi, jew il-mezzi tal-konvenut, tbiddlux talment li jiġġustifikaw it-talba ta' l-attriċi;

Illi in linea generali jista' jingħad li in kwantu għaċ-ċirkustanza tal-għoli tal-ħajja, dina, jekk tbiddlet, tbiddlet għal kulħadd, u kwindi tant għall-attriċi kif ukoll għall-konvenut, għad illi jistgħu jinfluwixxu ċerti fatturi fil-każ ta' min ikun sprovvist għal kollox, jew kważi għal kollox, mill-għajxien;

Illi għar-rigward tal-konvenut, dana fiż-żmien tas-sentenza l-oħra kellu salarju ta' £120 fis-sena, u kien jgħajjex bih lil oħtu oħra..............; il-lum il-konvenut għandu salarju ta' £37. 14. 0 fix-xahar ........ b'hemm salarju jrid jgħajjex.........;

Illi għar-rigward ta' l-attriċi, il-konvenut xejn ma pprova li ċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħha mis-sentenza l-oħra 'l-hawn imtejbu; anzi jidher aktar li pjuttost ippeġġjoraw; għaliex, kif gà ngħad, sprovvista kif inhi mill-mezzi, minħabba l-għoli tal-

ħajja hija ma tantx issibha ħaġa faċli li takkwista l-għajxien tagħha. Il-konvenut xehed li hija taf tħit l-ilbiesi, u anki tinnittja. Il-konvenuta ċaħdet li hija taf tinnittja, imma ammettiet li taf tħit, imma biss l-ilbiesi tagħha, u mhix kapaċi taħdem għan-nies. Dan jinsab korroborat........... Imma wkoll kieku kien veru dak 'i qal il-konvenut, dan ma ppruvax li hija fil-fatt ħadmet, jew li sabet fejn taħdem imma ma ħadmetx għax tgħażżnet. Ġie pruvat li fil-perijodu fuq imsemmi l-attriċi ġiet kompensata għall-ħsarat fl-għamara, fil-ħwejjeġ u f'xi fajjenza, li ġew distrutti bil-gwerra u li tagħhom hija kellha parti. Hija rċeviet £8 mill-Malta Relief Fund, u £22 fis-27 ta' Diċembru mill-War Damage Commission, jew b'kollox £30. Il-konvenut ħallieha sehmu, imma mingħajr preġudizzju. Dawn il-flus ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala qliegħ għall-attriċi. Dwar xi kera minn xi porzjon żgħir ta' immobili, li ddaħħal l-attriċi, dan għadu kif kien, u ġà ġie meħud in konsiderazzjoni fis-sentenza ta' qabel;

Ikkunsidrat;

Illi ġie ritenut li "quando in un reclamo di alimenti l'alimentando non prova il proprio bisogno, bensì i mezzi nell'allegato debitore degli alimenti, mentre questi non prova d'avere mezzi l'alimentando, i chiesti alimenti sono da accordarsi" (App. 20. 1. 1933 ,"Riddler vs. Galea", Vol. XXVIII—I—386); u hekk, b'analoġija, jista' jingħad li l-konvenut ma ppruvax li l-pożizzjoni finanzjarja ta' l-attriċi mis-sentenza l-oħra 'l-hawn immiljorat. Dwar il-flus li l-attriċi daħħlet mill-War Damage Commission bħala sehemha għall"private chattels" fuq imsemmijin, u tal-porzjoni ta' l-immobili li għandha, għandu jiġi kunsidrat li fil-kalkolu tal-mezzi ta' l-alimentando għandu jidħol il-valur tal-beni mobili u immobili minnu posseduti, imma dana ma għandux jitfisser li huwa għandu jisvesti ruħu mill-mobili ta' użu indispensabili (P.A. 10. 10. 1935 "Azzopardi vs. Tabone", Vol. XXIX—II—680). Veru li l-attriċi tidher li hija persuna li tista' taħdem xogħol ta' ħjata, imma kif intqal, ma ġiex pruvat li hija ħadmet, u lanqas li kienet ħtija tagħha li ma ħadmetx. "Sebbene secondo la legge non siano dovuti alimenti a chi può altrimenti procurarseli, ciò non importa che possano essere negati a costoro che fossero capaci al lavoro, ma che per circostanze a loro non imputabili si trovas-

seco disoccupati" (P.A. 10. 11. 1874 "Schembri utrinque", Vol. III, pag. 227). Fl-istess sens iddeċidiet dina l-Qorti fis-16 ta' April 1890, "Sant utrinque", Vol. XII, pag. 438; u 17 ta' Novembru 1900, "Schembri vs. Galea", Vol. XVII—II—243);

Illi l-konvenut jippretendi li l-attriċi tilfet id-dritt ta' l-aliment minn għandu, u dan minħabba l-kontenut ta' l-ittra fol. 10 li kitbet l-attriċi. Apparti ċ-ċirkustanza jekk f'dik l-ittra hemmx dik l-inġurja hekk gravi li trid il-liġi biex biha jiġu mitlufin l-alimenti, u, f'dan il-każ, kienetx dik l-ittra provokata mill-atteġġjament tal-konvenut bl-ittri tiegħu eżibiti fil-fol. 57 u 58, ma jidherx li dina l-allegazzjoni tista' tinġieb 'il quddiem b'eċċezzjoni; u dana għas-sempliċi fatt li l-konvenut jinsab ġa kundannat biex jippresta l-alimenti. U kif min hu kundannat għall-alimenti ma jistax "excipiendo" jallega l-impotenza tiegħu biex jissomministrahom (P.A. 29 11. 1879 "Grima utrinque"), hekk ukoll min hu, bħall-konvenut, kundannat diġà għal dawk l-alimenti, ma jistax b'eċċezzjoni jeħles minn dik il-kundanna. Barra minn dan, għad li dik l-ittra ta' l-attriċi ma fihiex data, l-istess tidher li ġiet miktuba wara l-ittra tal-konvenut (fol. 57)............. Għalhekk dik l-ittra ġiet mibgħuta almenu xi sena u nofs ilu: u dawn l-alimenti ma jistgħux, speċjalment "marte proprio", meta hemm ġa kundanna għalihom, jiġu rifjutati jew imnaqqsin meta l-inġurja tkun avverat ruħha ħafna żmien qabel il-propożizzjoni ta' l-azzjoni (P.A. 7. 12. 1881 "Vassallo utrinque", Vol. IX, 598);

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenut, fejn talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza, u konsegwentement ir-rigett tad-domanda ta' l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi s-sentenza tal-10 ta' Jannar 1942 iddforma stat bejn il-partijiet, u l-uniku punt li l-Qorti għandha teżamina huwa jekk il-kondizzjoni ekonomika tal-kontendenti tbiddletx talment li tiġġustifika awment fir-rata ta' 1s. kuljum li l-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attriċi bis-saħħa ta' l-istess sentenza;

Tnejn huma r-raġunijiet li l-attriċi ġġib 'il quddiem biex issaħħaħ it-talba tagħha għal dan l-awment; l-ewwel l-għoli tal-ħajja, u t-tieni l-potenzjalità tal-konvenut appellant biex ir-rata tal-manteniment tiżdied;

In kwantu għall-ewwel raġuni, tajjeb irritenjiet l-Ewwel Qorti li l-għoli tal-ħajja huwa fattur komuni għaż-żewġ kontendenti; u dan huwa tant ovvju li ma jirrikjedix l-ebda spjegazzjoni. In kwantu għat-tieni raġuni, jiġi rilevat li fid-data ta' l-ewwel sentenza l-appellant kien jaqla' £120 fis-sena, mentri l-qliegħ tiegħu l-lum huwa ta' £452. 8. 0 fis-sena, kompriż il-bonus. Il-lum huwa jrid iżomm il-mara u żewġt itfal. Fil-prospett fil-fol. 8 tal-proċess huwa ta dettalji kif jonqos is-salarju tiegħu matul ix-xahar;

Mill-banda l-oħra l-attriċi, in vista tal-kambjament fl-ekonomija tal-pajjiż, vwoldiri l-għoli tal-ħajja, u in vista tal-fatt illi l-appellant qiegħed jaqla' wisq iżjed mill-1942, tippretendi li huwa jista', anzi huwa fid-dmir, illi jżid ir-retta alimentarja li għandu jħallas lilha. L-awturi huma konkordi illi wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni, f'min jirċievi alimenti minn għand ħutu, mhux biss l-istat ekonomiku, imma anki l-potenzjalità għax-xogħol li fih innifsu huwa kapital. Huwa prinċipju raġjonevoli u ġust (Digesto Italiano, voce Alimenti, no. 118) illi min jista' jipprokura l-manteniment tiegħu b'xogħol, ma jistax jippretendi alimenti minn għand ħadd ieħor. Ma rriżultax illi l-attriċi nkitbet fil-Labour Bureau biex takkwista xogħol; lanqas ma rriżulta li hija ssofri minn mard li jinkapaċitaha għax-xogħol; anzi ġie pruvat illi hija taf u tista' taħdem ta' ħajjata. L-attriċi għad għandha 37 sena, u l-lum hija ħaġa magħrufa kemm hu mfittex ix-xogħol tal-ħajjata u anki tal-lavranti, u kemm żdied il-ħlas tagħhom. Meta ġiet mogħtija s-sentenza tal-10 ta' Jannar 1942, konna fl-agħar żmien tal-gwerra, u x-xogħol kien skars ħafna. Fiċ-ċirkustanzi tal-lum il-Qorti hija sodisfatta li l-attriċi appellata tista' faċilment issib xogħol biex tmantni ruħha deċentement mingħajr ma tkun ta' piż aktar lill-appellant;

Għal dawn ir-raġunijiet, tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u tirrespinġi d-domanda ta' l-attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.